*- LEGITTIMU KONTRADITTUR -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Lulju 2001**

**Kawza Numru: 18**
**Citazzjoni Numru: 1231/94/RCP**

**Anna mart Joseph Dingli**

**vs**

**Brian Abela u Arthur Ebejer**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 4 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti flimkien kienu jiggestixxu negozju ta' sala ta' ricevimenti jisimha Moulin D'Or, illi fiha huma accettaw illi jiehdu konsenja ta' pitturi mpingijja mill-attrici sabiex dawn

jintwerew lill-pubbliku u meta jinbieghu, l-attrici tithallas il-prezz pattwit.

Illi kien miftiehem bejn il-partijiet illi r-riskju ta' l-istess pitturi kellu jkun f'idejn il-konvenuti personalment li obbligaw ruhhom li jassikuraw l-istess.

Illi fil-15 ta' Mejju, 1993, il-konvenuti rrapportaw li sar serq mill-imsemmi fond Moulin D'Or li jinsab f'triq il-Kuncizzjoni, Hal Lija, u li b'konsegwenza ta' dan is-serq ittiehdu l-pitturi kollha ta' l-attrici.

Illi f'diversi inkontri li kien hemm bejn l-attrici u l-konvenuti dawn dejjem ammettew li kienu responsabbli personalment ghal dawn il-pitturi izda talbu dilazzjoni sakemm huma jithallsu mill-assikurazzjoni.

Illi effettivament l-assikurazzjoni qeghda tirrifjuta li thallas ta dan it-telf billi mhix sodisfatta dwar kif sehhew l-affarijiet.

Illi l-attrici ghalhekk ghandha d-dritt li tithallas minghand il-konvenuti u dana fis-somma ta' elf u tmenin Liri Maltin (Lm1,080) li huwa l-valur ta' l-imsemmija pitturi.

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjarhom responsabbli ghall-kustodja tal-pitturi msemmija u ghalhekk responsabbli ghar-rifuzjoni tal-valur ta' l-istess pitturi

2. tillikwida l-valur ta' l-istess pitturi fis-somma ta' elf u tmenin lira Maltin (Lm1,080) u

3. tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu din is-somma hekk likwidita lill-attrici bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandati Numri 2388/94, 2889/94, 2890/94, 2891/94 kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4A tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol 5 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici tat-12 ta' Settembru 1994 a fol 9 tal-process u d-digriet tal-Qorti tal-15 ta' Settembru 1994 fejn cahdet it-talba stante li r-rikors huwa rritwali ghaliex it-talba ma tinkwadrax ruhha fit-termini ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi.

Rat il-verbali tas-seduti tat-30 ta' Jannar 1995 u tas-17 ta' Mejju 1995.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Brian Abela a fol 15 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi, preliminarjament, il-konvenut Brian Abela ma huwiex il-legittimu kontradittur u konsegwentement ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-attrici u l-esponent billi l-istess esponent kien qieghed jittratta mal-attrici fil-kariga tieghu bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Moulin D'Or Co Ltd liema socjeta' tiggestixxi n-negozju ta' sala ta' ricevimenti jisimha Moulin D'Or.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-azzjoni attrici hija intempestiva billi l-attrici kienet accettat illi tistenna l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji istitwiti mis-socjeta' Moulin D'Or Co Ltd kontra s-socjeta' ta' assikurazzjoni illi kienet qieghdha tipproteggi l-interessi tal-attrici minn kwalsiasi hsara jew dannu kkawzat minn serq.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 16 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Arthur Ebejer a fol 19 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi, preliminarjament, il-konvenut Brian Abela ma huwiex il-legittimu kontradittur u konsegwentement ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-attrici u l-esponent billi l-istess esponent kien qieghed jittratta mal-attrici fil-kariga tieghu bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-

socjeta' Moulin D'Or Co Ltd liema socjeta' tiggestixxi n-negozju ta' sala ta' ricevimenti jisimha Moulin D'Or.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-azzjoni attrici hija intempestiva billi l-attrici kienet accettat illi tistenna l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji istitwiti mis-socjeta' Moulin D'Or Co Ltd kontra s-socjeta' ta' assikurazzjoni illi kienet qieghdha tipproteggi l-interessi tal-attrici minn kwalsiasi hsara jew dannu kkawzat minn serq.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 20 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici tat-13 ta' Ottubru 1995 fejn prezentat l-affidavits taghha stess, ta' Joseph Bellia u ta' Anthony Sciberras (fol 23 sa 31 tal-process).

Rat il-verbali tal-1 ta' Novembru 1995, tal-24 ta' April 1996 fejn xehdet in kontro-ezami l-attrici, tat-8 ta' Novembru 1996, tal-14 ta' Mejju 1997 fejn xehdet in kontro-ezami l-attrici; tal-10 ta' Dicembru 1997 fejn kompliet tixhed in kontro-ezami l-attrici; tas-6 ta' Mejju 1998 fejn kompliet tixhed l-attrici in kontro-ezami, tat-30 ta' Novembru 1998 fejn kompliet tixhed in kontro-ezami l-attrici; tat-28 ta' April 1999 fejn xehed Lawrence Pavia, tal-14 ta' Gunju 1999 fejn id-difensuri qablu li ghandha ssir referenza ghax-xhieda migbura fiz-zewg kawzi u cioe` Citaz. Nru 1228/94/JF fl-ismijiet "Joseph Bellia vs Brian Abela et" u Citaz Nru

1230/94/JF fl-ismijiet “Anthony Sciberras vs Brian Abela et” u qablu wkoll li din ix-xhied ghandha titqies bhala xhieda moghtija f’din il-kawza. Il-Qorti ordnat lill-partijiet biex jinserixxu tali xhieda fil-process.

Rat in-nota tal-attrici tal-10 ta’ Settembru 1999 u d-dokumenti esebiti (fol 85 sa 256 tal-process).

Rat il-verbali tal-11 ta’ Frar 2000 fejn xehed il-konvenut Brian Abela, tat-28 ta’ April 2000, tat-23 ta’ Gunju 2000, tad-29 ta’ Novembru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tal-20 ta’ Frar 2001 fejn xehed il-konvenut Brian Abela, tat-3 t’April 2001 fejn il-konvenuti u d-difensuri taghhom msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, u l-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenuti maghluqa u halliet il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghas-16 ta’ Mejju 2001.

Rat il-verbal tas-16 ta’ Mejju 2001 fejn id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta’ Lulju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. L-AZZJONI ATTRICI.

Illi din il-kawza qed issir mill-attrici stante li qed tallega li hija kkonsenjat pitturi lill-konvenuti sabiex l-istess pitturi jigu esebiti fis-sala Moulin D'Or u meta jinbieghu l-prezz jigi mhallas lill-attrici, izda minflok l-istess pitturi gew misruqa u ghalhekk l-istess attrici qed titlob li tithallas tal-valur tal-istess oggetti anke peress li l-istess pitturi kellhom jigu assigurati kontra serq, u ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghall-kustodja tal-pitturi u responsabbli ghar-rifuzzjoni tal-valur taghhom, u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-valur taghhom lill-attrici.

Illi min-naha taghhom l-istess konvenuti qed isostnu li huma personalment ma ghandhomx x'jaqsmu mal-istess stante li huma dejjem agixxew ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Moulin D'Or Co. Limited, li fil-fatt tiggestixxi l-istess sala ta' ricevimenti, u *di piu`* l-intempestivita' tal-azzjoni attrici peress li hija kienet accettat li tistena l-ezitu tal-proceduri li l-istess socjeta' ghamlet kontra s-socjeta' assiguratrici li kienet qed tipproteggi l-interessi tal-attrici.

### B. PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attrici** sostniet li hija ltaqat mal-konvenut Brian Abela li jigi silf zewgha u qalilha li huwa u l-konvenut l-iehor kienu

xtraw is-sala bl-isem Moulin d'Or, u l-konvenuti kienu klijenti ta' zewgha li kien *accountant*. L-istess Brian Abela kien hajjarha li taghmel esebizzjoni tal-pitturi taghha. L-istess konvenuti dejjem kelmuha b'mod informali u qatt ma semmew kumpanija maghha.

Illi hija hajret lill hbieb taghha Joseph Bellia, Anthony Sciberras u John Martin Borg sabiex jesebixxu xi xogholijiet maghha, u dan qalilha biex tkellem lill-konvenut l-iehor u offriet li taghmel tali wirja minn Awissu sa Ottubru 1992.

Illi hija insistiet li l-konvenuti jkunu personalment responsabbli u li johorgu polza ta' assikurazzjoni adegwata fuq l-istess pitturi u l-konvenut Ebejer sostna li s-sala kollha kienet ser tkun assigurata, ghalkemm l-istess attrici baqghet tinsisti li kellha ssir assikurazzjoni partikolari fuq hsara u serq.

Illi hija u zewgha marru biex idendlu l-pitturi u ppreparaw dokumenti li fiha nizzlu l-bicciet kollha tal-pitturi kkonsenjati u l-prezz li kellhom jinbieghu l-istess pitturi u l-kummissjoni li kellhom jiehdu l-konvenuti, u dan fuq karta intestata Moulin D'Or. Dak in-nhar Joe Bellia rega insista fuq l-assikurazzjoni u l-konvenut Arthur Ebejer sostna li kollox kien f'postu.

Illi f'Ottubru ma kien hemm ebda bejgh ta' pitturi izda meta marru biex jehduhom il-konvenuti issugerew li jhalluhom

hemm, u marru darba ohra izda l-konvenuti baqghu jinsistu li jzommuhom hemm sakemm fil-15 ta' Mejju 1993, l-gharus taghha, illum zewgha informaha li l-pitturi kienu insterqu u kellhom jithallsu mill-assikurazzjoni. Il-konvenuti ikkonfermaw dan, u dejjem kienu jghidulha li l-*claim* kienet qed tigi processata. Illi wara diversi kuntatti mal-konvenuti ghall-xejn l-attrici fid-9 ta' Settembru 1994 sostniet li hija kienet qed tissaporti dan iz-zmien kollu biss minhabba l-hbiberija ta' bejniethom u hija ma kellha ebda relazzjoni mas-socjeta' assikuratrici.

Illi in kontro-ezami sostniet li taf li l-konvenuti kellhom socjeta' bejniethom ASA kif kien jidher fit-tabella tal-ufficju ta' Brian Abela f'Hal Balzan. Lill-Joseph Xuereb saret tafu l-ewwel darba bhala *caterer* fil-Moulin D'Or meta saret l-esebizzjoni tal-pitturi taghha li kienet f'okkazzjoni ta' presentazzjoni ta' prodotti farmacewtici. Illi hija insistiet li l-istess pitturi inghataw lill-konvenuti *on consignment basis.* Il-ftehim kollu sar verbalment.

Illi hija esebit l-istess *statements* dwar l-istess pitturi li kienu iffirmati minnha u mill-konvenut Brian Abela u dan bhala Dok. "FGC 6" "FGC 7" u "FGC 8", u fl-ewwel *invoice* il-kelma *on consignment* hija miktuba iktar grassa mill-istess kliem fuq l-i*nvoices* ohrajn, u sostniet li hija kienet kitbithom wara. Illi hija sostniet li vera hija ma kellha ebda oggezzjoni li hija tithallas wara li l-konvenuti jithallsu minghand is-socjeta' assikuratrici pero' b'dan qatt ma riedet tfisser li ser tirrinunzja ghad-dritt li kellha.

Illi kompliet li hija qatt ma rat kopja tal-polza ta' asikurazzjoni u hija saret taf bl-ezistenza tas-socjeta' Moulin D'Or jew qabel jew wara l-prezentata tac-citazzjoni odjerna, pero' hija ftehmet mal-konvenuti personalment u anke ghaliex kien *a matter of thrust.* Hija rceviet l-ittra ufficjali tal-1 ta' Settembru 1994.

Illi id-dokumenti "BA2" a fol. 65 sa 67 saru minnha u dan sar wara li l-konvenut Arthur Ebejer kien avvicina u issugerielha li jkun ahjar jekk tikteb li l-pitturi inbieghu u dan minhabba l-*insurance* u dan ghalkemm l-istess pitturi ma kienux inbieghu. Hija sostniet li ma kellha x'taqsam xejn ma' l-istess Joseph Xuereb.

Illi **Joseph Bellia** sostna li huwa kien avvicinat mill-attrici li qaltlu li Brian Abela u Arthur Ebejer kienu xtraw sala u issugerewlha li jaghmlu wirja ta' pitturi fl-istess sala u flimkien ma John Martin Borg u Anthony Sciberras urew li kienu interessati mbasta ix-xogholijiet taghhom ikun protteti u salvagwardati. L-attrici informathom li hija kienet tkellmet mal-konvenuti li qallulha li l-istess xoghol kien ser ikun adegwatament assikurat kontra s-serq u hsara. L-ebda isem tal-kumpanija qatt ma issemma lanqas quddiem dan ix-xhud.

Illi fil-fatt il-pitturi inhadu minnhom fl-istess sala u saret karta fejn gie ndikat in-numri ta' putturi l-valur taghhom ghall-bejgh, il-kummissjoni tal-konvenuti kollox taht l-

intestar ta' Moulin D'Or. Il-konvenut Ebejer kien ikkonferma li l-assikurazzjoni kienet adegwata.

Illi peress li f'Ottubru ma inbiegh xejn stennew biex jiehdu lura l-pitturi, izda l-konvenuti ipperswadewhom sabiex ihalluhom hemm izda qatt ma semghu xejn sakemm marru biex jehduhom lura f'Mejju 1993 fejn gew informati li l-pitturi kienu nsterqu. Il-konvenut Ebejer insista li kellhom jithallsu mill-assikurazzjoni, izda hadd baqa' ma hallashom sakemm fid-9 ta' Settembru 1994 ghamlu laqgha mal-konvenuti fejn ghal darba ohra insistew li jithallsu u l-attrici u l-istess xhud komplew isostnu li huma ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-assikurazzjoni. Ir-ragel ta' l-attrici Joe Dingli kien sostna li meta kien sar il-ftehim mal-konvenuti s-socjeta' Moulin D'Or lanqas kienet tezisti.

Illi inkonfront ma Brian Abela sostna li ma Joseph Xuereb iltaqa' biss wara il-mandat ta' impediment tas-safar u qabel qatt ma kien prezenti meta gew diskussi l-arrangamenti tal-pitturi.

Illi in kontro-ezami sostna li huwa kien prezenti mal-attrici u meta tkellmu mal-konvenut Ebejer u l-ftehim proprja sar mal-attrici, pero' wara l-konvenut Ebejer ikkonferma l-istess ftehim.

Illi dan kollu jinsab ukoll ikkorrobarat minn Anthony Sciberras li sostna ukoll li certu Joe Xuereb ko-proprjetarju tal-istess sala kien qallu f'Mejju 1993 li meta riedu setghu

jiehdu lura l-istess pitturi, pero' gimgha wara informawh li l-istess pitturi kienu insterqu u dan permezz tal-gazzetta *it-Times.* Ghaddew id-dettalji tal-pitturi misruqa lill-Dominic Cutajar li kien imqabbad jaghmel rapport mill-Magisitrat inkwirenti. Kiteb ittra lill-Joe Xuereb li qal li ma ircieva xejn u wara baghat ittra bl-avukat u saret laqgha fit-30 ta' Marzu 1994 fejn l-konvenuti informawhom li huma ma kienux thallsu mill-*insurance* peress li qallu li ma kienx hemm prova tas-serqa u qallu li ser jifthu l-kawza kontra l-istess assikurazzjoni. Ftehmu li jaghtuhom ftit taz-zmien. Reggha kiteb fis-7 ta' Gunju 1994 izda ma sar xejn u ghalhekk saret din il-kawza. Fid-9 ta' Settembru 1994 iltaqghu sabiex jitnehha l-impediment tas-safar li kien sar kontra taghhom, izda l-konvenuti lanqas riedu jikkomettu ruhhom li jhallsu jekk jitilfu l-kawza kontra s-socjeta' assikuratrici.

Illi **Lawrence Pavia** sostna li huwa *Managing Director* tas-socjeta' Island *Insurance* Brokers u li tramite taghha kienet inharget polza ta' assikurazzjoni fuq is-socjeta' Moulin D'Or Co. Limited mis-socjeta' Norwich Union Fire *Insurance* Society Limited, u l-polza relattiva saret fis-17 ta' Settembru 1992 u esebita bhala Dok. "FGC 4" u tkopri pitturi li kienu esebiti fil-Moulin D'Or, numru 6, Quarries Alley off St. Mary Street, Balzan u saret *claim* fis-17 ta' Mejju 1993 mill-istess socjeta' tramite Brian Abela u Joseph Xuereb fuq il-pitturi ta' Anna Dingli u tlett artisti l-ohra u gie allegat li s-serqa saret bejn l-14 u l-15 ta' Mejju 1993

Illi in kontro-ezami sostna li l-attrici mexxiet il-ftehim f'ismu u huwa tkellem ma Joseph Xuereb qabel u wara is-serqa, u mal-konvenuti l-ohra ma tkellimx. Huwa fl-*opening* ma attendiex u Xuereb introduca ruhu bhala wiehed mill-proprjetarji tas-sala

Illi l-**konvenut Arthur Ebejer** sostna li huwa kien direttur tas-socjeta' Moulin D'Or Co. Limited flimkien mal-konvenut l-iehor u Joseph Xuereb, u l-konvenut l-iehor kien qed jittratta mal-attrici u artisti ohrajn sabiex jesebixxu l-pitturi taghhom fis-sala taghom, u wara li gew konkluzi t-trattattivi huwa kien hareg l-*insurance* wara li tkellem mal-attrici fuq dak li kien hemm bzonn u wara sostna li ta kopja tal-istess polza; is-sala tintuza ghall-ricevimenti taz-zwieg u manifestazzjonijiet simili.

Illi huwa sostna li gie introdott mal-attrici mill-konvenut l-iehor bhala wiehed mill-*partners* tal-kumpanija u l-pitturi tqeghdu f'Awissu 1992 bil-prezzijiet hdejhom fuq *letter head* tal-kumpanija w is-sala infethet f'Ottubru 1992 li fiha stiednu lill-artisti b'invit mahrug minn Moulin D'Or Co. Limited. Illi wara s-serqa l-attrici giet informata li saret *claim* mal-*insurance* u qaltilhom biex izzomuha informata, u r-rejazzjoni taghhom kienet li jaraw x'se jigri mill-inkjesta u mill-investigazzjoni tas-socjeta' assikuratrici, u l-konvenuti qalulhom li kif tithallas il-*claim* huma jithallsu w accettaw, pero' peress li huma baqghu ma thallsux ghamlu kawza lill-*insurance*, filwaqt li l-attrici bdew jinsistu li jithallsu

minghandhom. Is-socjeta' assikuratrici ma hallsitx ghaliex sostniet li ma kienx hemm prova ta' sgass.

Illi sostna wkoll li barra fis-sala hemm l-isem tal-kumpanija, u l-istess fuq it-*time table* fuq *letter head* tal-kumpanija, apparti l-*price list* imsemmija. Azzjonisti tas-socjeta' kienu tlieta, pero' kienu presenti biss huwa u l-konvenut l-iehor, u Joseph Xuereb kien presenti fil-post biss anke meta gabu l-pitturi, u wara s-serqa tkellmu mieghu. Wara l-mandat ta' impediment tas-safar kontra l-konvenuti l-artisti iltaqghu mieghu u ma Joseph Xuereb u huwa kien spjega l-process tal-*claim* li kienet saret mis-socjeta' indikata f'isimha.

Illi in kontro-ezami l-istess konvenut sostna li huwa ma jiftakarx jekk kienx introduca lilu nnifsu bhala direttur tas-socjeta' Moulin D'Or Co. Limited, pero' zewg l-attrici kien jaf bil-kumpanija, u ma jafx jekk l-ewwel darba li ssemmiet il-kumpanija kienx biss wara li bdew il-proceduri legali. Fil-fatt ir-ragel tal-attrici kien *accountant* ta' kumpanija ohra taghhom. Fil-*welcome speech* tal-ftuh tas-sala kien introduca ruhu bhala direttur tas-socjeta'. Huwa qatt ma ta' *card* lill-attrici bl-isem tas-socjeta' u dan ghaliex it-trattattivi saru mal-konvenut l-iehor. Ma ftakarx meta ta kopja tal-polza ta' assikurazzjoni lill-attrici pero' zgur qabel is-serqa, izda fis-seduta tat-3 ta' Marzu 1997 sostna li l-polza inghatat lill-attrici minghalih wara s-serqa u qabel il-kawza u l-mandati.

Illi in ri-ezami sostna li ir-ragel tal-attrici kien jiehu hsieb il-kumpanija ASA Group Company Limited li l-azzjonisti taghha kienu hu, Brian u Harold Abela u ma kienx jaf bl-ezistenza ta' kumpanija ohra Moulin D'Or ghaliex kienet ghadha ma bdietx topera ghalkemm kien jaf b'kumpanija ohra.

Illi **Brian Abela** sostna li huwa kien wiehed mill-azzjonisti tas-socjeta' Moulin D'Or Company Limited li kienet ikkonvertit post f'sala proprju is-sala fejn gew esebiti il-pitturi mertu tal-kawza odjerna. Huwa kien involut fit-trattattivi mal-attrici ghan-nom tal-artisti l-ohra fil-presenza tar-ragel taghha u ta' Arthur Ebejer, apparti Joseph Xuereb, ilkoll kienu azzjonisti u diretturi tal-istess socjeta, li llum hija ta' Joseph Xuereb biss.

Illi huwa avvicina lill-attrici u qalilha li kienu ser jifthu sala u talabha jekk kienitx interessata tesebixxi xi xogholijiet ghall-bejgh fl-istess sala u bejniethom saret *invoice* bil-prezzijiet mitluba mill-istess artisti intestata lill-Moulin D'Or, u l-inviti ghall-ftuh tal-istess sala hargu mill-istess kumpanija u saret *insurance* ghas-sala u wkoll ghall-istess pitturi w il-polza harget favur l-istess kumpanija u l-attrici kienet taf biha ghaliex inghatat kopja mix-xhud wara is-serqa. Ma giex diskuss il-post fejn saret l-esebizzjoni ta' min kien.

Illi in kontro-ezami sostna li l-*invoice* kien fiha biss il-kliem *Moulin D'Or* u mhux Moulin D'Or Company Limited.

Illi l-istess konvenut xehed ukoll fil-11 ta' Frar 2000 u fl-20 ta' Frar 2001 fejn sostna li l-attrici kien qalilha li huwa, l-konvenut l-iehor u Joseph Xuereb kienu xtraw is-sala in kwistjoni pero' ma semmilhiex persentaggi tal-ishma. Ix-xoghol li kien jaghmel zewgha kien mhux ghall-konvenuti personalment izda ghas-socjeta' ASA Group Company Limited. L-attrici qatt ma qaltlu li kienet qed izomm lill-konvenuti personalment responsabbli izda biss li kellhom jaghmlu polza ta' assikurazzjoni kif fil-fatt ghamlu, u hija qalet li kienet kellmithom u kienet sodisfatta bl-istess polza ghaliex kellmet lill-Carmel Cascun tal-Island *Insurance* Brokers. Meta twahhlu l-pitturi Joseph Xuereb kien prezenti apparti l-konvenut l-iehor, pero' ma jafx jekk xi hadd spjega min kien dan Joseph Xuereb, u sostna li l-polza thallset. Sostna li wara is-serqa qablu li jistennew l-*outcome tal-claim.* Ma saqsiet xejn dwar il-presenza ta' Joseph Xuereb f'dawn il-laqghat li saru wara s-serqa. Kien hemm plakka u ukoll *letterheads* bil-prezzijiet tal-pitturi fuq isem il-kumpanija. Id-Dokument B2 inkiteb mill-attrici u fiha hemm l-isem Moulin D'Or.

Illi **Joseph Xuereb** sostna li huwa direttur tas-socjeta' Moulin D'Or Company Limited u hija proprjetarja tal-post Moulin D'Or, Robert Mifsud Bonnici Street, Hal Lija u din dejjem kienet proprjeta' tal-istess socjeta', u l-konvenuti kienu *partners* u azzjonisti mieghu fl-istess socjeta'. Il-konvenuti l-ohra kienu hadu hsieb tal-pitturi f'isem is-socjeta' u huwa iltaqa' ma whud mill-artisti waqt li kienu qed iwahhlu l-pitturi, inkluz mal-attrici, zewgha w is-Sur

Bellia, w introduca ruhu bhala wiehed mill-*partners* tal-konvenuti u ma semmiex direttament lill-kumpanija. Huwa iltaqa' mal-attrici wara is-serqa fl-ufficju tal-ASA, u tkellem mal-artisti ghalkemm il-kliem kien iktar mal-ohrajn. Wara s-serqa kien fittxu ukoll Anthony Sciberras biex isaqsih x'gara fuq il-*claim* u ma ssemmietx il-kumpanija.

C. APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici kellha relazzjoni biss mal-konvenuti dwar il-mertu tal-kawza odjerna stante li mill-provi jirrizulta li din ghamlet il-ftehim verbali sabiex hija tikkonsenja l-pitturi taghha ghal esebizzjoni fis-sala Moulin D'Or mal-istess konvenuti Brian Abela u Arthur Ebejer, li hija kienet taf anke qabel, u dan sabiex l-istess pitturi jigu esebiti fl-istess sala waqt funzjonijiet li jsiru fiha sabiex jigu offruti ghall-bejgh lill-persuni li jiffrekwentaw l-istess sala, skond il-valuri moghtija mill-istess attrici u l-artisti l-ohra, ghall-perjodu bejn Awissu 1992 sa Ottubru 1992, u ovvjament jekk tali pitturi ma jinbieghux lill-terzi jigu ritornati mill-istess konvenuti lill-attrici u lill-artisti l-ohra, bil-kundizzjoni specifika li l-istess pitturi jigu inxurjati ghall-hsara u serq fil-perjodu kollu kemm l-istess idumu fl-istess sala.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta' Anthony Sciberras u Joseph Bellia wkoll li kemm huma u kemm l-attrici qatt ma gew informati waqt l-istess trattattivi li wasslu ghal dan il-ftehim verbali ta' konsenja tal-pitturi u l-esebizzjoni

taghhom fis-sala in kwistjoni, li l-ftehim kien sar ma xi kumpanija, u l-istess xhieda inkluz l-attrici huma kategorici li l-istes ftehim sar mal-konvenuti fil-kwalita' personali taghhom.

Illi l-attrici, li mexxiet l-istess negozjati kemm f'isimha u kemm ghan-nom tal-artisti l-ohra ghamlitha cara mill-ewwel li hija accettat il-proposta tal-konvenut Brian Abela peress li hija kienet tafu personalment u anke familjarment, u wkoll li tali ftehim intlahaq fuq bazi ta' fiducja li hija kellha mal-istess konvenuti.

Illi apparti l-korroborazzjoni fuq imsemmija l-istess attrici hija ikkoroborrata mill-fatt li skond l-*invoices* esebiti a fol. 54 sa 56 tal-process bhala Dokumenti "FGC 6", "FGC 7" u "FGC 8" imkien ma jidher l-isem tal-istess socjeta' u fil-fatt l-unika isem li hemm huwa dak ta' *Moulin D'Or* li certament imkien ma huwa indikat li huwa l-isem ta' socjeta', izda fil-fatt huwa l-isem tas-sala li fih gew esebiti l-istess pitturi. Certament ma jistax jinghad mill-istess dokumenti li hemm indikazzjoni li l-istess konvenuti kienu qed jidhru ghal xi socjeta', u dan huwa iktar gravi ghat-tezi tal-istess konvenuti, meta huma sostnew kemm-il darba li kien *letter heads* tal-istess socjeta', izda mill-banda l-ohra jidher car li l-istess dokument zgur li ma sarx fuq *letterhead* taghha.

Illi l-istess jista' jinghad ghad-dokumenti li hemm esebiti bhala Dok. "BA 2" a fol. 65, 66, u 67 tal-process fejn jidher li huwa imsemmi biss l-isem *Moulin D'Or,* u huwa ovvju li

tali isem minnu nnifsu xejn ma fih li jindika li l-istess attrici kienet qed titratta ma' socjeta' jew mal-konvenuti ghan-nom tal-istess socjeta'. Anzi jidher il-kuntrarju, ghalkemm wiehed sewwa ghandu jirrileva li l-istess dokumenti saru fuq talba tal-konvenuti wara l-allegata serqa li saret tal-pitturi mis-sala indikata, sabiex skond l-istess konvenuti jkunu jistghu jiffacilitaw il-konkluzzjoni tal-*claim* li s-socjeta' Moulin D'Or Company Limited kienet ghamlet mas-socjeta' assikuratrici, tant li ghalkemm datati 18 ta' Awissu 1992, dawn id-dokumenti jidher li saru biss wara is-serqa ta' Mejju 1993, u certament li din biss lanqas tirrifletti sew fuq il-konvenuti (u anke l-attrici) anke ghaliex mill-provi jidher car li qatt ma kien hemm bejgh tal-istess pitturi filwaqt li tali dokument jidher fuqu li sar *Cash Sale* tal-istess xogholijiet, li huwa ghal kollox kontradett mix-xhieda kollha prodotta fl-istess kawza u wkoll mill-partijiet infushom.

Illi dan juri wkoll kif l-istess konvenuti imxew tul din il-kwistjoni kollha ghaliex meta raw li s-socjeta' assikuratrici ma onoratx il-*claim* maghmula minnhom ghan-nom tas-socjeta' Moulin D'Or Company Limited, huma marru ghand l-attrici sabiex taghtihom l-istess dokument sabiex minghalihom tali kwistjoni tigi solvuta. F'dan dahhlu wkoll lill-attrici maghhom, li ghal darba ohra, (ghalkemm mhux sew) regghet afdathom, dejjem bl-isperanza li hija tithallas il-valur tal-istess pitturi, li l-konvenuti naqqsu li jhallsu, tant li ghalhekk saret il-kawza odjerna mill-attrici kontra taghhom.

Illi apparti dan jirrizulta wkoll mix-xhieda taz-zewg konvenuti stess li huma qatt ma ipprezentaw ruhhom bhala diretturi jew rappresentanti tal-istess socjeta' minnhom illum nominata, u mill-istess xhieda taghhom jirrizulta li qatt ma qalu xejn dwar dan hlief biss wara li saret l-allegata serqa, u meta l-istess attrici u l-artisti l-ohra bdew jinsistu ghall-hlas.

Illi l-argumenti tal-istess konvenuti li fuq barra tas-sala fuq plakka hemm l-isem tas-socjeta' Moulin D'Or Company Limited, u wkoll li fuq il-pitturi esebiti fl-istess sala kien hemm *letterheads* tal-istess socjeta' indikata, apparti li l-istess fatti qatt ma gew pruvati bil-produzzjoni tal-istess affarijiet u isem u listi, xorta jibqa' l-fatt li anke kieku dan kien minnu bl-ebda mod ma jista' jinghad li b'daqshekk il-konvenuti ppruvaw li huma ma kienux qed jidhru f'isimhom personali izda ghan-nom ta' din is-socjeta' minnhom indikata, anke ghaliex dan mhux il-mod li wiehed jistabilixxi u jikkuntratta ghan-nom ta' xi hadd inkluz ghan-nom ta' socjeta' li ghandha personalita' guridika distinta, u *di piu`* l-ftehim mal-konvenuti dwar il-pitturi mertu tal-kawza odjerna sar qabel ma' l-istess pitturi twahhlu fis-sala *de quo.* It-tqeghid tal-istess pitturi fis-sala mill-attrici kien fil-fatt esekuzzjoni tal-ftehim gja milhuq bejna u bejn il-konvenuti.

Illi l-istess argument japplika dwar l-allegata *time table* tal-istess sala u dan apparti li qatt ma giet prodotta ukoll; u l-istess dwar l-allegat *welcome speech* li sar fl-okkazzjoni tal-ftuh tas-sala, ghaliex certament li ma jistax ikun li r-

relazzjoni bejn l-attrici u l-konvenuti jew il-veste taghhom tigi stabbilita' abbazi tal-istess *welcome speech.*

Illi l-argument migjub mill-konvenuti li l-polza harget f'isem l-istess socjeta' minnhom indikata lanqas ghandu ebda rilevanza bhala prova tal-ftehim minnhom allegat stante li jirrizulta li l-konvenuti stess ghamlu t-trattattivi ghall-istess polza u l-attrici kienet ghal kollox estranea ghall-istess.

Illi jinghad ukoll li x-xhieda tal-konvenuti hija mimlija inesattezzi u incertezzi kbar u anke kontradizzjonijiet fix-xhieda taghhom stess fejn fost affarijiet ohra huma jallegaw li Joseph Xuereb kien involut fl-istess trattativi, izda f'mument iehor issostnu li dan dahal biss wara is-serqa, ghalkemm kien prezenti meta twahhlu il-pitturi; fejn il-konvenuti l-ewwel jghidu li ghaddew il-polza ta' assikurazzjoni lill-attrici anke qabel is-serqa, u mbaghad jew ftit wara issostnu li ghaddewla biss kopja wara is-serqa u wara l-bidu tal-proceduri legali; l-istess japplika meta allegaw li l-attrici kienet kuntenta bil-polza ghaliex hija stess tkellmet mal-*brokers,* meta rapprezentant tal-istess *brokers* sostna b'responsabilita' li jekk xi hadd mill-artisti staqsewh dwar il-polza huwa ma qalilhom xejn ghaliex huwa marbut bis-sigriet professjonali mal-klijent tieghu li skond il-polza kienet proprja Moulin D'Or Company Limited.

Illi mela abbazi ta' dak premess jirrizulta car u ppruvat li r-relazzjoni tal-attrici dwar l-istess pitturi kienet mal-

konvenuti u ma hadd izjed, u li l-istess konvenuti dejjem ippresentaw ruhhom li qed jagixxu ghalihom infushom u ghall-ebda socjeta', u dan kemm mal-attrici u kemm mal-artisti l-ohra, u fil-fatt l-istess socjeta' bdiet tissemma biss wara s-serqa, u wkoll wara li s-socjeta' assikuratrici naqset li thallas il-*claim* maghmula lilha mill-istess socjeta' li harget il-polza, u l-konvenuti naqqsu li jhallsu lill-attrici l-valur tal-istess pitturi.

Illi jinghad ukoll li mkien ma gie lanqas ippruvat l-ezistenza legali tal-istess socjeta' stante li l-ebda statut jew *articles u memorandum* tal-istess ma gie esebit, anke biex juru minn meta kienet ilha tezisti l-istess socjeta' anke in vista tal-fatt li mix-xhieda tal-istess konvenut Arthur Ebejer rrizulta li r-ragel tal-attrici kien jahdem ghall-konvenuti bhala *accountant* pero' ghas-socjeta' ASA Group Company Limited u mhux ghal din is-socjeta' ghaliex fiz-zmien li kienu qed isiru t-trattattivi mal-attrici, din l-istess socjeta' kienet ghadha ma bdietx topera.

Illi hawn jaqa' wkoll l-argument l-iehor tal-konvenuti li r-relazzjoni tal-attrici kienet mas-socjeta' minnhom indikata u mhux maghhom personalment ghaliex sostnew li r-ragel tal-attrici kien jaf li kienu qed joperaw b'kumpanija u mhux personali, u dan peress li mill-provi jidher car li r-ragel tal-attrici fiz-zmien l-istess ftehim kien jaf biss b'socjeta' ohra, u mhux dik allegata mill-konvenuti Moulin D'Or Company Limited, u dan huwa ikkonfermat mix-xhieda tal-konvenuti stess.

Illi abbazi ta' dak premess jidher ovvju u palez li l-konvenuti ma rnexxilhomx lanqas minimament jippruvaw l-allegazzjoni taghhom li huma ftehmu mal-attrici mhux personalment izda ghan-nom tas-socjeta' f'dawn il-proceduri indikata, u dan meta kien l-oneru taghhom, la darba minnhom allegat, li jaghmlu dan.

Illi ghall-grazzja tal-argument jinghad li l-konvenuti lanqas dwar kif saret is-serqa tal-pitturi ma spjegaw xejn u lanqas min ghandu u min kellu r-rappresentanza tal-istess socjeta', u ghalhekk in vista tal-fatt li kif inghad il-ftehim mal-attrici kien milhuq mal-konvenuti fil-kwalita' personali taghhom, u la darba huma naqqsu li jikkonsenjaw lilha l-istess pitturi, huma obbligati sabiex jhallsu lill-attrici l-valur tal-istess pitturi, liema valur kif indikat fic-citazzjoni attrici ma giex kkontestat, u jirrizulta *di piu`* mid-dokumenti esebiti li juri l-prezz li l-partijiet qabblu li l-istess pitturi ghandhom jinbieghu lill-terzi, u liema dokumenti gew accettati mill-istess konvenuti.

Illi l-eccezzjoni l-ohra tal-konvenuti li l-azzjoni attrici hija intempestiva ghaliex l-attrici kienet allegatament accettat li tistena l-ezitu tal-kawza bejn is-socjeta' Moulin D'Or Company Limited kontra s-socjeta' assikuratrici lanqas ma tista' tigi accettata stante li tali allegat ftehim vantat mill-konvenuti bl-ebda mod ma gie ppruvat; anzi mill-provi prodotti ma jirrizultax li sar ebda ftehim f'dan is-sens u partikolarment ma jirrizultax li l-attrici f'xi mument irrinunzjat

ghal xi dritt sostantiv jew dritt ta' azzjoni, liema rinunzja fi kwalunkwe kaz ghandha dejjem tigi pruvata li kienet esplicita w intenzjonata. Mill-provi prodotti infatti ma hemm ebda sinjal jew indikazzjoni li l-attrici irrunzjat ghal xi dritt ta' azzjoni u l-fatt li hija stenniet sew qabel ma fethet il-kawza ma ghandu jfisser xejn hlief li tat l-opportunita' lill-konvenuti sabiex ihallsuha l-valur tal-istess pitturi u dan ghaliex imxiet fuq bazi ta' hbiberija u ghaliex emmnet li l-konvenuti kienu ser jirrispettaw l-obbligazzjonijiet taghhom. Meta hija rat li l-konvenuti ma wasslux hija fethet din il-kawza.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Brian Abela u Arthur Ebejer, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-kustodja tal-pitturi msemmija u ghalhekk responsabbli ghar-rifuzjoni tal-valur ta' l-istess pitturi

2. Tillikwida l-valur ta' l-istess pitturi fis-somma ta' elf u tmenin lira Maltin (Lm1,080) u

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu din is-somma hekk likwidita ta' elf u tmenin lira Maltin (Lm1,080) lill-attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandati Numri 2388/94, 2889/94, 2890/94, 2891/94 kontra l-konvenuti u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-istess konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**12 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Lulju, 2001**